VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,356, 12 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 454 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B. (Hons), għall-Grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jisssejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B.(Hons), għall-grad ta' Bachelor of Laws – LL.B., u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P.;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Laws – LL.B.;

"il-Grad bl-Unuri" tfisser il-grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Laws (Honours) – LL.B. (Hons), jew għall-grad ta' Bachelor of Laws – LL.B., jew għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – skont il-każ; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul

3. Minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università ta' Malta, l-applikanti għall-Grad bl-Unuri, għall-Grad, u għad-Diploma għandhom jissodisfaw ukoll dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għall-korsijiet li jibdew fl-2014, ikunu għaddew:

(i) f'żewġ suġġetti bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivalenti (jekk applikabbli) jew fl-Ingliż u fil-Malti; jew fl-Ingliż jew fil-Malti, u suġġett ieħor magħżul minn Grupp 1 jew Grupp 2 tal-Eżami tal-Matrikola; u

(ii) f'suġġett bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Intermedju jew l-ekwivalenti jew fl-Ingliż jew fil-Malti (jekk waħda minn dawn il-lingwi ma tiġiex offruta fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata), flimkien ma' żewġ suġġetti magħżula fil-Livell tal-Matrikola Intermedju jew l-ekwivalenti kif ġej: suġġett wieħed magħżul minn Grupp 2 u suġġett wieħed magħżul minn Grupp 3. Jekk kemm l-Ingliż kif ukoll il-Malti jkunu offruti fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata, l-istudenti jkunu meħtieġa jgħaddu minn tliet suġġetti fil-Livell tal-Matrikola Intermedju jew l-ekwivalenti, b'wieħed minnhom bi Grad Ċ jew aħjar, fis-suġġetti magħżula kif ġej: suġġett wieħed magħżul minn Grupp 2, suġġett wieħed magħżul minn Grupp 3 u suġġett wieħed (ħlief l-Ingliż u l-Malti) magħżula minn kwalunkwe Grupp,

sakemm li l-istudenti li jkunu ġabu kwalifiki komparabbli mal-Livelli tal-Matrikola Intermedju u Avvanzat minn bord tal-eżamijiet barrani jitħallew jidħlu fil-Kors mingħajr ir-rekwiżit tal-Malti kif indikat f'dan l-ordinament iżda minflok ikunu meħtieġa jgħaddu minn suġġett ieħor bi Grad Ċ jew aħjar u jkunu wkoll meħtieġa jgħaddu fil-Malti fil-Livell tal-Matrikola Intermedju jew ogħla qabel ma jkomplu għall-kors tal-Master of Advocacy jew tal-Master of Notarial Studies.

(b) għall-korsijiet li jibdew fl-2015 jew wara, ikunu għaddew:

(i) f'żewġ suġġetti bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew l-ekwivalenti fl-Ingliż u fil-Malti; u

(ii) fi tliet suġġetti bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Intermedju jew l-ekwivalenti, magħżula fis-suġġetti kif ġej: suġġett wieħed minn Grupp 2, suġġett wieħed minn Grupp 3, u suġġett wieħed (ħlief l-Ingliż u l-Malti) minn kwalunkwe Grupp.

It-Tul tal-Korsijiet

4. (1) Il-kors tal-Grad bl-Unuri jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

(2) Il-kors tal-Grad jinfirex fuq perijodu ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time*, li jkunu l-ewwel tlett snin tal-Grad bl-Unuri.

(3) Sakemm mhux segwit flimkien mal-programm tal-Grad, il-kors tad-Diploma jinfirex fuq perijodu ta' sena ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programmi ta' Studju

5. (1) Il-Grad bl-Unuri jista' jingħata wara li l-istudenti jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 240 krettu ECTS kif stabbilit fil-programm ta' studju.

(2) L-istudenti li jtemmu b'suċċess il-programm ta' studju għat-tlett snin tal-Kors u jew jagħżlu li ma jkomplux għall-Grad bl-Unuri, jew wara li komplew ma jtemmux b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad.

(3) L-istudenti għandhom l-għażla li jsegwu l-programm għad-Diploma jew flimkien mal-Kors li jwassal għall-Grad jew wara l-għoti tal-Grad jew tal-Grad bl-Unuri kklassifikat mill-anqas fit-Tieni Kategorija jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri.

(4) L-istudenti li jagħżlu li jsegwu l-kors li jwassal għad-Diploma flimkien mal-kors li jwassal għall-Grad għandhom jindikaw l-għażla tagħhom fit-tmiem tal-ewwel sena tal-Kors u qabel ma jirreġistraw għat-tieni sena u għandhom jikkwalifikaw għad-Diploma biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għall-Grad kif stabbiliti fil-programm ta' studju.

(5) Meta t-taqsimiet studju għad-Diploma jkunu segwiti flimkien mal-programm ta' studju li jwassal għall-Grad, dawn għandhom ikunu segwiti minflok, jew flimkien ma', taqsimiet studju oħra tal-Liġi, kif dirett mill-Bord.

(6) Il-programm ta' studju għad-Diploma għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS, li jinkludu wkoll taqsimiet studju li jittrattaw kemm il-liġi sostantiva u proċedurali.

(7) L-istudenti m'għandhomx jirreġistraw għall-aktar minn 60 krettu ECTS f'kull sena akkademika għall-kors tal-Grad bl-Unuri, għall-kors tal-Grad, u għall-kors tad-Diploma.

(8) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għall-kors tal-Grad bl-Unuri, għall-kors tal-Grad, u għall-kors tad-Diploma mfasslin skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvati mis-Senat.

(9) Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' jagħmel, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju tal-kors li qegħdin isegwu għall-Grad bl-Unuri, għall-Grad, u għad-Diploma.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

6. Il-marka medja finali mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad bl-Unuri, tal-Grad u tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bis-snin kollha jingħataw piż indaqs.